MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Numru. 2/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Versus**

**Marco Accetti**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet maghmulha taht arrest kontra Marco Accetti, ta' 28 sena, bin Vincenzo u Carolina nee' Magadino, imwieled Catania, Italia, nhar l-1 ta' Frar 1985, u residenti gewwa Viale della Regione Sicilana, Nru 7, Catania, Sicilia, detentur tal-Passaport Taljana bin-numru C 789611

Akkuzat f'dawn il-Gzejjer fil 31 ta' Dicembru 2013 u fil-jiem ta' qabel:

Talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li pprokura id-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat, bir-regoli tal-1939 ghall Kontroll Intern tad-Drigo Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li

tforni is-droga, u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanufettura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokkura l-istess droga u dan bi skru tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaini specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mehrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti 4 u 6 tat-Taqsma ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod oehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u li naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif pprovdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksir tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement ememdati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru lima kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talli ikkommetta tali reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksir ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-Qorti intalbet ukoll illi, f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna ukoll lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal- Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' Giuseppe Marco Rizzo moghtija fit 2 ta' Jannar 2014.

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-PC 760 Christopher Saliba, moghtija bil-gurament fid 9 ta' Jannar 2014 u fit 12 ta' Frar 2014, meta reggha xehed peress illi x-xhieda moghtija fis-seduta precedenti ma gietx traskritta minhabba f'problemi teknici.

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-PS 1086, moghtija bil-gurament fl-14 ta' Jannar 2014 u fis 17 ta' Frar 2014, meta reggha xehed peress illi x-xhieda moghtija fis-seduta precedenti ma gietx traskritta minhabba f'problemi teknici.

Semghet ix-xhieda ta' l-Ispizjar Godwin Sammut, imqabbad mill-Qorti sabiex jezamina ir-repert elevat minn fuq Marco Accetti mill-Puluzija dakinhar illi huwa twaqqaf, moghtija fis-27 ta' Jannar 2014.

Semghet ix-xhieda ta' Marco Accetti moghtija fl-24 ta' Frar 2014.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur li saret fl-24 ta' Frar 2014.

**Ikkunsidrat**

Mill-fatti prodotti quddiem dina l-Qorti, jirrizulta illi, fil-31 ta' Dicembru 2013, ghal habta tal-ghaxra ta' filghaxija, membri tal-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga, inkluzi il-PS 1086 u il-PC 760, ghamlu tfittxija gewwa stabbiliment maghruf bhala 'The Villa', fil-lukanda Le Meridien, San Giljan, fejn kien hemm ghaddej attivita' ossija 'party' ta l-ahhar tas-sena. Jirrizulta illi, wara li qattghu ftit hin barra il-kumpless sabiex jistudjaw il-muvimenti tan-nies barra tali stabbiliment, huma dahhlu gewwa l-istabbiliment u sabu attivita li fiha kien hemm madwar erbghin persuna b'kollox, lkoll kemm huma lebsin maskra, salv madwar hames persuni illi ma kienux lebsin xi maskra.

Jirrizulta illi fost il-hames persuni li ma kienux lebsin maskra, kien hemm l-akkuzat Marco Accetti flimkien ma' habib tieghu, Giuseppe Marco Rizzo. Il-fatt illi dawna ma kienux lebsin maskra kif ukoll il-muviment taghhom, inkluz il-fatt illi Accetti kien qieghed idahhal u johrog idejh fil-but ta' gewwa tal-glekk tieghu ripetutament, wassal lill-Pulzuija sabiex jissuspettaw fihom u ghalhekk huma marru fuqhom sabiex jaghmlulhom search.

Jirrizulta illi hekk kif saret search, instabet sustanza suspettata li kienet droga kemm fuq Giuseppe Marco Rizzo, il-habib ta' Marco Accetti, kif ukoll fuq Marco Accetti stess u, fil kaz ta' Marco Accetti, instabu hdax-il pakkett ta' trab abjad suspettat li kienu droga.

Kemm Giuseppe Marco Rizzo kif ukoll Marco Accetti it-tnejn gew arrestati u ttiehdu l-Kwartieri Generali tal-Puluzija ghal investigazzjonijiet ulterjuri.

**Ikkunsidrat**

Fl-istqarrija moghtija liberament mill-akkuzat fil-lingwa Taljana, fil-lejl tal-31 ta' Dicembru 2014, ftit sieghat wara illi huwa twaqqaf, l-akkuzat Accetti stqarr illi huwa kien jahdem f'Malta, qabel gewwa l-istabbilment Hugo's go Paceville, u fil-present kien bi hsiebu jiftah hanut tal-hwejjeg gewwa Paola. Huwa stqarr illi ma jghix Malta u ma kellux fejn joqghod. Jirrizulta wkoll illi huwa stqarr li d-droga xtraha minghand persuna ta' karnaggion skur illi waqqfu u kellmu bit-taljan, u dana gewwa Paceville. Tali droga kien xtraha ghall uzu personali tieghu kif ukoll ghal-hbieb tieghu imma "senza interessi”

Fix-xhieda ta' Giuseppe Marco Rizzo, habib ta' l-akkuzat, dana stqarr illi huwa kien ghadu kif wasal Malta l-gurnata ta' qabel u, wara li l-akkuzat gie gabru mit-terminal tal-Catamaran, huwa hadu fid-dar tieghu gewwa tas-Sliema, fejn huwa eventwalment raqad ukoll. Rizzo jistqarr illi huwa kien staqsa lill Accetti minn fejn seta jakkwista xi droga u dana qabad u fornieh bid-droga huwa stess, liema droga eventwalment inqabdet fuq l-istess Rizzo fl-istess hin illi gie arrestat Accetti. Rizzo ikkonferma illi d-droga illi kellu fil-pussess tieghu ma kienetx biex jaqsamha ma' Accetti izda kienet ghalih biss u kkonferma illi tali droga inghatat lilu mill-akkuzat Accetti.

Fix-xhieda ta' l-Ispizjar Godwin Sammut, appuntat mill-Qorti fuq talba ta' l-akkuzat, dana ikkonferma li t-trab abjad li nstabu fuq l-akkuzat kienu lkoll sustanza tal-kokaina, li l-piz totali taghhom kien ta' 4.26 grammi, li kellha purita' ta' 28 fil-mija, li hija l-purita normali fil-kaz ta' kokaina. Mir-rapport ta' l-istess Spizjar, imbghad jirrizulta illi l-hdax-il pakkett kienu lkoll mqassmin b'mod kwazi ugwali fi kwantita' ta' droga.

Fix-xhieda moghtija quddiem dina l-Qorti mill-akkuzat Marco Accetti, huwa sahaq li kien gie Malta xi gurnata jew tnejn qabel u illi wara nofsinhar tal-gurnata li twaqqaf mill-Pulzuija, huwa kien ghaddej bil-mixi fil-vicinanzi tal-Hotel Le Meridien meta gie avvicinat minn xi hadd li staqsieh jekk riedx jixtri droga. Wara illi qallu iva, ftehmu li jerrggha jarah barra il-Hotel aktar tard. Di fatti, aktar tard, hekk kif kien ser imur gewwa l-Hotel, l-akkuzat iltaqa' ma tali persuna barra il-Hotel Le Meridien, jigifieri fil-Balluta, u xtara id-droga minghandu. Huwa dahal fil-party li kien hemm gewwa le Meridien, fejn huwa kellu jiltaqa' ma xi hbieb tieghu, u, ftit minuti wara, dahhlu l-Puluzija u waqqfuh. L-akkuzat, li ikkonferma li meta twaqqaf kien gie mitkellem bil-lingwa Taljana u seta jikkomunika liberament mal-Pulzuija, sahaq illi dak il-hin huwa insista mal-Pulizija sabiex johrogu barra biex jurihom minn fejn kien xtara id-droga, izda dawna qalulu illi dina kienet skuza li dejjem jisimghu u ghalhekk haduh maghhom. Fix-xhieda tieghu, l-akkuzat sahaq illi d-droga illi huwa xtara kienet ghalih u insista li kien xtraha minn barra il-Hotel Le Meridien, fejn kien il-party li huwa kellu jattendi ma xi hbieb tieghu.

**Ikkunsidrat**

Fil-proceduri odjerni, l-imputazzjonijiet inressqa kontra l-akkuzat huma tlieta:

1. Li forna, ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokaina bi ksur tar-Regolament 4 tal- LS 101.02 (292/39)

2. Li kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina meta ma kellu ebda permess sabiex jaghmel dan, bi ksir tar-Regolament 9 tal-LS 101.02 (292/93)

3. Li kkommetta tali reati gewwa distanza ta' mitt metru minn club jew post iehor fejn jiltaqghu z-zghazagh, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap 101.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi x-xhud Giuseppe Marco Rizzo ottjena droga ghal uzu personali tieghu minghand l-akkuzat Marco Accetti, liema droga kienet fil-pussess ta' l-istess Rizzo fil-mument illi twaqqaf mill-Puulzija.

Jirrizulta wkoll illi l-akkuzat kellu fi-pussess tieghu hdax-il pakkett ta' droga kokaina, liema droga kienet mqassma fi kwantitajiet simili, li hija indikazzjoni cara ghal dina l-Qorti li tali droga kienet intiza sabiex tigi fornuta lill-terzi mill-akkuzat, liema indikazzjoni hija msahha mill-fatt li, fl-istqarrija tieghu l-akkuzat stqarr illi huwa kien ottjena tali droga ghalih u ghal hbieb tieghu.

Jirrizulta wkoll mil-provi prodotti illi, ghalkemm l-akkuzat stqarr li huwa kien xtara id-droga minghand persuna ta' karnaggjon skur, l-akkuzat biddel il-verzjonijiet tieghu dwar minn fejn huwa xtara tali droga, peress illi fil-mument illi huwa twaqqaf, huwa sahaq illi kien xtara dina d-droga minn gewwa Paceville, fatt li huwa kkonferma anke fl-istqarrija tieghu, filwaqt illi quddiem dina l-Qorti, huwa sahaq illi kien xtara tali droga minn barra il-Hotel le Meridien, ossija Balluta, San Giljan. Mistoqsi jiggustifika tali diskrepanza fix-xhieda, l-akkuzat stqarr illi ghalih San Giljan u Paceville kienu l-istess.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi x-xhieda ta' l-akkuzat ma hijex daqstant attendibbli stante illi, filwaqt li huwa sahaq illi kien gie Malta xi jumejn qabel ma gara il-kaz meritu tal-kawza odjerna u li kien qieghed Malta sabiex jiftah hanut, jirrizulta illi, fil-mument illi huwa

twaqqaf, huwa sahaq illi kien hadem gewwa il-hanut Hugo's gewwa Paceville qabel ma beda jipprova jiftah hanut tal-hwejjeg gewwa Rahal Gdid. Apparti minn hekk, in-nuqqas ta' attendibilita' tax-xhieda ta' l-akkuzat hija anke dovuta ghal fatt illi filwaqt illi huwa sahaq li ma kien qieghed joqghod imkien, il-habib tieghu Rizzo stqarr illi Accetti kien gie ghalih bil-karozza tieghu fil-port fejn jasal il-Catamaran fil-Marsa il-lejl ta' qabel ma gara il-kaz u hadu mieghu d-dar tieghu gewwa tas-Sliema, fejn huma raqdu dik il-lejl.

Fl-ahhar nett, u aktar importanti, jirrizulta ben ippruvat illi, filwaqt li l-akkuzat kellu fil-pussess id-droga kokaina fil-lejl tal-31 ta' Dicembru 2013 meta huwa twaqqaf mill-Pulzuija, tali droga ma kienetx intiza ghalih biss, izda kienet ghal terzi, tant illi huwa kien ghadda droga lill-Giuseppe Rizzo, liema droga Rizzo ammetta li tahielu Accetti wara illi huwa kien staqsieh minn fejn seta jixtri droga, u l-akkuzat kien anke dispost li jghaddi lill-hbieb tieghhu ukoll, "senza interessi" madankollu.

Finalment, il-Qorti tinnota li jirrizulta ben ippruvat li meta instab fil-pussess tad-drogi, huwa kien jinstab gewwa mitt metru minn gewwa club fejn jiltaqghu iz-zghazagh.

**Ikkunsidrat**

Kif qalet il-Qorti ta Appell fil-kawza '**Il-Puluzija vs Marius Magri**' deciza fit 12 ta' Mejju 2005,

> *Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f' dawn il- kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f' dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal- kaz , tkun bizzejjed . (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]).*

Fil-kaz odjern, il-Qorti hija sodisfatta 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u abbazi tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni illi mhux talli l-akkuzat kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, izda talli tali droga kienet fil-pussess tieghu mhux biss ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, ossija l-akkuzat, izda biex tigi traffikata u mghoddija lill-terzi waqt party illi fiha huwa mar.

**Konkluzjoni**

Abbazi tal-konsiderazzjonjiet fuq maghmulha, il-Qorti

Wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), kif ukoll it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ir- Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 (G.N. 292/1939),

Issib lill-imputat hati tal- imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv – u multa ta' elfejn u erba mitt Euro (€2400).

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espert l-Ispizjar Godwin Sammut a tenur tal- Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita fil-process odjern u r-Registratur tal-Qorti ghandu permezz ta' nota li tigi nserita fil-process jiddokumenta u jikkonferma d-distruzzjoni ta' l-istess.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------